MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1581/2002

***U.C.I.M. Co. Ltd.***
***Vs***
***Raymond Anastasi u martu Sheryl Anastasi***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tnejn u disghin lira Maltin (Lm1092) rappresentanti mport ta' erbatax-il kambjala kollha ta' Lm78 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju 2001 sa Lulju 2002 rispettivament u mhux imhallsa, liema kambjali huma annessi ma' l-avviz bhala Dokumenti 1 sa 14 konsekuttivament u inklusivament, kif ukoll l-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-1 ta' Lulju 2002 jammontaw ghal Lm51 oltre l-imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata f’Mejju 2002 kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni pprezentata fl-20 ta’ Settembru 2002, li permezz taghha s-socjeta’ attrici rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta’ tmien mija u disghin liri Maltin (Lm890).

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Christopher Vella ghan-nom tas-socjeta’ attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont kif ridott permezz tan-nota tal-20 ta’ Settembru 2002 ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma kif ridotta fl-ammont ta’ tmien mija u disghin lira Maltin (Lm890), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata f’ Mejju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**